IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 18/24

**Il-Lussemburgu, 25 ta' Jannar 2024**

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-753/22 | Bundesrepublik Deutschland (Effett ta' deċiżjoni ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat)

# Avukata Ġenerali Medina: L-Istati Membri ma humiex obbligati jirrikonoxxu l-istatus ta' refuġjat mogħti fi Stat Membru ieħor

*Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tiġi rritornata lejn l-Istat Membru li inizjalment ikun ta l-istatus ta' refuġjat minħabba riskju serju li ssofri trattament inuman jew degradanti f'dan l-Istat Membru, l-Istat Membru li fih din il-persuna tkun ippreżentat applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali għandu japplika l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta huwa jkun qiegħed jevalwa din l-applikazzjoni.*

Ċittadina Sirjana li kisbet l-istatus ta' refuġjat fil-Greċja sussegwentement ippreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja. Qorti Ġermaniża kkonstatat li, minħabba l-kundizzjonijiet tal-ħajja tar-refuġjati fil-Greċja, hija kienet tinsab f'riskju serju li ssofri trattament inuman jew degradanti [1], b'tali mod li hija ma setgħetx tirritorna lejn il-Greċja. Il-Ġermanja ċaħdet l-applikazzjoni tagħha għall-istatus ta' refuġjat, iżda tatha protezzjoni sussidjarja. Hija sussegwentement ippreżentat rikors kontra r-rifjut tal-istatus ta' refuġjat quddiem il-qrati Ġermaniżi.

Din il-kawża tiffoka fuq il-kwistjoni li tqum meta l-kundizzjonijiet fl-Istat Membru li inizjalment ikun ta l-istatus ta' refuġjat ikunu tali li persuna kkonċernata ma tkunx tista tiġi rritornata fih. X'inhuma l-obbligi ta' Stat Membru ieħor li fih din il-persuna tressaq talba sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali? It-tieni Stat Membru għandu jipproċessa din it-talba, u kif? Il-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni preliminari dwar dawn id-domandi.

Fil-konklużjonijiet tagħha, **l-Avukata Ġenerali Laila Medina tikkonkludi li d-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet affermattivi li jagħtu l-istatus ta' refuġjat**. Hija tqis li l-kunċett ta' Stat Membru wieħed responsabbli taħt ir-Regolament Dublin III [2] ma jimplikax l-obbligu li tiġi rrikonoxxuta, mingħajr eżami fil-mertu, il-protezzjoni internazzjonali li Stat Membru ieħor ikun diġà ta.

**Madankollu**, l-awtoritajiet tat-tieni Stat Membru (il-Ġermanja) li jkunu qegħdin jeżaminaw l-applikazzjoni sussegwenti ma jistgħux sempliċement jinjoraw **il-fatt li Stat Membru ieħor** (il-Greċja) **ikun diġà ta l-istatus ta' refuġjat**. Tabilħaqq, dan il-fatt **jista' jikkostitwixxi wieħed mill-elementi li jissostanzjaw il-fatti invokati insostenn tal-applikazzjoni sussegwenti**.

Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet għandhom **jagħtu prijorità lill-eżami tal-applikazzjoni sussegwenti**. Huma għandhom jikkunsidraw ukoll **l-użu tal-mekkaniżmi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri previsti fir-Regolament Dublin III** [3], filwaqt li l-awtoritajiet tal-ewwel Stat Membru (il-Greċja) għandhom iwieġbu għat-talbiet kollha għal informazzjoni f'perijodu ta' żmien ferm iqsar mill-iskadenza applikabbli f'ċirkustanzi normali.

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew

assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tal-konklużjoni jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjoni.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

**Ibqgħu konnessi!**

[1] Fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[2] Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida.

[3] Artikolu 34 tar-Regolament Dublin III.